MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 1035/2009

**Air Malta plc (C-2685)**

**vs**

**Efly Company Limited (C-46370)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Dr. Christopher Spiteri (detentur tal-Karta tal-Identita` Numru 23368 M) in rapprezentanza tar-rikorrenti Air Malta plc kif debitament awtorizzat, datat 27 ta’ Ottubru 2009, fejn bil-gurament tieghu jikkonferma: -

Illi r-rikorrenti Air Malta plc hija l-linja nazzjonali tal-ajru u topera titjiriet lejn diversi destinazzjonijiet, fosthom ajruporti fi Sqallija.

Illi l-kumpanija intimata Efly Company Limited hija linja tal-Ajru Maltija li ġiet iffurmata aktar kmieni din is-sena (Dok "AM 1") u xi ġimgħat ilu ħabbret illi ser tibda topera titjiriet lejn l-ajruport ta' Catania fi Sqallija.

Illi lejn l-aħħar t'Awwissu u l-bidu ta' Settembru 2009 il-kumpanija ntimata għamlet kampanja pubbliċitarja f'gażżetti lokali fejn irreklamat offerti speċjali fuq titjiriet tagħha għal Catania fi Sqallija. Dawn ir-reklami juru fost l-oħrajn il-logo tal-kumpanija Efly Company Limited u l-kelma "Efly" segwita minn simbolu ta' salib ta' Malta abjad fuq sfond aħmar (Dok "AM 2").

Illi sa mill-1998, il-kumpanija rikorrenti kellha u għad għandha reġistrat f'isimha *trademark* illi jinkludi sinjal distintiv konsistenti fis-salib ta' Malta. L-istess sinjal huwa wkoll reġistrat f'isem l-Air Malta plc bħala *Community Trade Mark*. (Dok "AM 3" u "4")

Illi fil-fatt għal ħafna snin l-Air Malta plc konsistentement użat logo li juri salib ta' Malta abjad fuq sfond aħmar, liema logo mhux biss jintuża fl-i*stationery* kollu tal-kumpanija imma wkoll f'kull materjal pubbliċitarju, nkluż *website* u reklami u saħansitra jidher b'mod prominenti fuq l-ajruplani tal-flotta tagħha.

Illi ta' min jgħid illi minħabba li s-salib ta' Malta huwa sinjal intrinsikament marbut mal-kultura u n-nazzjon Malti, l-użu ta' tali distintiv jista' jsir biss bl-awtoriżżazzjoni tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, liema awtoriżżażżjoni kienet debitament ingħatat lil Air Malta plc qabel irreġistrat 'il fuq imsemmi *trademark*.

Illi l-użu tas-salib ta' Malta abjad fuq sfond aħmar fil-kampanji pubbliċitarji tal-kumpanija intimata Efly Company Limited jikkostitwixxi ksur ta' drittijiet ta' *trademark* appartenenti lir-rikorrenti, u dan *ai termini* tal-**artikolu 10 tal-Att dwar it-Trademarks (Kapitolu 416 tal-Liġijiet ta' Malta)** *stante* li Efly Company Limited użat fil-kors tal-kummerċ tagħha sinjal identiku għat-*trademark* tar-rikorrenti.

Illi r-rikorrenti sofriet preġudizzju minħabba li l-assoċjazzjoni tas-sinjal użat minn Efly Company Limited mat-*trademark* tal-Air Malta plc ħoloq konfużjoni fil-moħħ tal-pubbliku. Tant hu hekk illi waqt illi kienet għaddejja l-kampanja pubbliċitarja ta' Efly Company Limited, ir-rikorrenti Air Malta plc ġiet ikkuntattjata minn diversi konsumaturi li ħasbu illi l-offerta reklamata minn Efly kienet "prodott ġdid tal-Air Malta".

Illi nhar l-1 ta' Settembru, 2009 ir-rikorrenti ppreżentat protest kontra Efly Company Limited (kopja annessa bħala "AM 5") illi permezz tiegħu interpellat lill-intimata sabiex minnufih tieqaf milli tuża fil-kors tal-kummerċ tagħha, inkluż fil-kuntest ta' kampanji pubbliċitarji, is-sinjal distintiv konsistenti fis-salib ta' Malta u sabiex ma tkomplix tikkontravjeni bi kwalunkwé mod it-*trademark* u *community trademark* reġistrati f'isem il-protestanta Air Malta plc, filwaqt illi qegħdet lill-intimata Efly Company Limited *f'dolo, mora u culpa* għall-effetti u l-finijiet kollha tal-liġi;

Illi dan il-protest baqa' mingħajr risposta, u Efly Company Limited baqgħet tuża s-simbolu distintiv konsistenti f'salib ta' Malta abjad fuq sfond aħmar.

Illi għalhekk nhar is-7 ta' Settembru 2009 ir-rikorrenti ntavolat mandat ta' inibizzjoni (Numru 1514/2009 AL, atti relattivi Dok "AM 6") li fih talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex iżżomm lill-intimata Efly Company Limited milli:-

Tuża fil-kummerċ tagħha, inkluż fil-kuntest ta' kampanji pubbliċitarji, is-sinjal distintiv konsistenti fis-salib ta' Malta bi ksur tad-drittijiet ta' *trademark holder* li għandha r-rikorrenti.

Illi kien biss wara illi dan il-mandat ġie milqugħ proviżorjament illi l-intimata waqfet tagħmel użu mis-sinjal distintiv konsistenti fis-salib ta' Malta.

Illi Efly Company Limited naqset illi tirrispondi għall-mandat jew imqar tidher għas-seduta u f'digriet tat-8

t'Ottubru 2009 il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi l-intimata Efly Company Limited kisret id-drittijiet appartenenti lir-rikorrenti Air Malta plc bħala *trademark holder* meta, f'Awwissu u Settembru 2009 l-intimata wżat fil-kampanji pubbliċitarji tagħha salib ta' Malta abjad fuq sfond aħmar.

2. Tillikwida d-danni ikkaġunati lir-rikorrenti Air Malta plc minn dan il-ksur, tenut kont tal-**artikolu 12 tal-Att li Jirregola l-Infurzar ta' Drittijiet ta' Proprjetà Intellettwali (Kap 488 tal-Liġijiet ta' Malta),** jekk ikun il-każ *arbitrio boni viri*.

3. Tikkundanna lill-intimata Efly Company Limited tħallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-protest ġudizzjarju tal-1 ta' Settembru, 2009 u tal-mandat ta' inibizzjoni tas-7 ta' Settembru, 2009, u bl-imgħaxijiet kontra l-intimata li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta` rikorrenti flimkien mad-dokumenti elenkati.

Rat  li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-10 ta' Dicembru 2009.

Rat ir-risposta guramentata ta' Efly Company Limited datata 1 ta' Dicembru 2009 a fol. 47 tal-process fejn eccepiet:-

1. Illi l-esponenti ma kinetx taf li s-socjeta` rikorrenti kellha *trade mark* konsistenti fis-salib ta' Malta u meta s-socjeta` intimata giet infurmata b'dan, immedjatament nehhiet din il-logo mid-disinn taghha.

2. Illi s-socjeta` rikorrenti ma sofriet ebda danni minhabba dan l-agir.

Rat il-lista tax-xhieda esebita a fol 47 tal-process.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici datata 4 ta' Dicembru 2009 a fol 49 tal-process li permezz taghha pprezentat l-affidavit ta' Dr. Christopher Spiteri.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici datata 22 ta' Dicembru 2009.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti nkluz dak tas-seduta tas-16 ta' Marzu 2010 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet li trattaw il-kaz u deher ukoll Dr. Joseph Camilleri ghas-socjeta` attrici. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Marzu 2010.

Rat l-atti kollha pprezentati u d-digriet ralattivi.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi jirrizulta li s-socjeta' attrici ghandha regitsrat f'isimha bhala *trademark* is-sinjal distintiv tas-salib ta' Malta, li ilu jintuza mill-istess socjeta' ghal diversi snin u huwa resgistrat bhala tali kemm f'Malta u kemm bhala Community Trade Mark (Dok. "AM3" u "AM4") u dan l-uzu tal-istess salib ta' Malta bhala logo tas-socjeta' attrici gie uzat ukoll bl-awtorizzazzjoni tal-Awtoritajiet kompetenti f'dan il-kaz l-Ufficju tal-Prim Ministru.

Illi minn naha taghha jirrizulta li s-socjeta' konvenuta Efly Company Limited ghamlet offerta specjali ghal titjiriet lejn Sqallija u fil-kampanja pubblicitarja taghha lejn l-ahhar ta'

Awwissu u l-bidu ta’ Settembru 2009 fil-*logo* taghha uzat il-kelma “Efly” segwita minn simbolu tas-salib ta’ Malta abjad fuq sfond aħmar (Dok “AM 2”), u dan kif jirrizulta minn reklami li saru wkoll fil-gurnal The Times tat-28 ta’ Awissu 2009 u t-12 ta’ Settembru 2009 b’dan li b’tali mod u manjiera ta’ reklamar holoq konfuzjoni f’mohh il-pubbliku Malti, tant li kienu bosta li hasbu li l-offerta tas-socjeta’ konvenuta kienet in effetti wahda tas-socjeta’ attrici, u allura bl-uzu tal-istess salib ta’ Malta fil-kampanja pubblicitarja tas-socjeta’ konvenuta sehh ksur tad-drittijiet tat-*trademark* protetti bl-**artikolu 10 tal-Kap. 416**, ghaliex is-socjeta’ konvenuta uzat fil-kors tal-kummerc taghha sinjal identiku ghat-*trademark* tas-socjeta’ rikorrenti. Fil-verita’ dan gie kollu pruvat kemm mid-dikjarazzjoni annessa mar-rikors guramentat, mad-dokumenti esebiti, u wkoll mill-affidavit ta’ Dr. Christoper Spiteri *senior advocate* fid-Dipartiment tal-kumpanija attrici datat 3 ta’ Dicembru 2009, u fil-verita’ ma huwa bl-ebda mod kontestat.

Illi s-socjeta’ konvenuta giet interpellata sabiex tiddesisti minn tali uzu permezz ta’ protest gudizzjarju datat l-1 ta’ Settembru 2009 (Dok. “AM5”), izda xorta baqghet inadempjenti, u allura l-istess socjeta’ attrici kellha tirrikorri ghar-rikors ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni fis-7 ta’ Settembru 2009, li s-socjeta’ konvenuta lanqas ikkontestat, u dan gie milqugh definittivament b’digriet datat 8 ta’ Ottubru 2009, kif jidher minn kopja tal-istess att gudizzjarju esebit f’dawn l-atti (Dok. “AM6”). Jidher li l-istess socjeta’ konvenuta operat xi 35 vjagg lejn Catania fil-perjodu bejn id-19 ta’ Settembru 2009 u t-3 ta’ Novembru 2009, u certament avvantaggat ruhha mill-istess uzu fil-logo taghha tas-salib ta’ Malta bi ksur tad-drittijiet tas-socjeta’ attrici fuq l-istess *trademark* taghha li tinkorpora l-istess salib ta’ Malta, u dan peress li l-istess uzu tal-imsemmi salib holoq konfuzjoni ghall-pubbliku mas-servizzi tas-socjeta’ attrici, proprjetarja tal-istess logo kif hawn indikat u allura bi ksur tal-ligi u senjatment tal-**artikolu 10 tal-Kap. 16.** Ghalhekk l-ewwel talba attrici qed tigi milqugha.

Illi dwar it-tieni u t-tielet talba attrici, u fl-isfond ta' dak verbalizzat fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2009, u n-nota attrici datata 22 ta' Dicembru 2009 li biha saret riferenza ghall-**artikolu 12 tal-Kap. 488 tal-Ligijiet ta' Malta,** tillikwida *arbitro boni viri* l-ammont ta' danni, tenut kont ta' dak kontenut fl-istess artikolu u wkoll il-pregudizzju morali kkagunat lis-socjeta' attrici fl-ammont ta' hames mitt ewro (€500) u it-tieni u t-tielet talba attrici qed jigu milqugha fl-istess ammont.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi s-socjeta' intimata Efly Company Limited kisret id-drittijiet appartenenti lir-rikorrenti Air Malta plc bħala *trademark holder* meta, f'Awwissu u Settembru 2009 l-intimata użat fil-kampanji pubbliċitarji tagħha s-salib ta' Malta abjad fuq sfond aħmar.

2. Tillikwida d-danni kkaġunati lir-rikorrenti Air Malta plc minn dan il-ksur, tenut kont tal-**artikolu 12 tal-Att li Jirregola l-Infurzar ta' Drittijiet ta' Proprjetà Intellettwali (Kap 488 tal-Liġijiet ta' Malta),** *arbitrio boni viri* fl-ammont ta' hames mitt ewro (€500).

3. Tikkundanna lill-intimata Efly Company Limited tħallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati fl-ammont ta' hames mitt ewro (€500).

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-protest ġudizzjarju tal-1 ta' Settembru, 2009 u tal-mandat ta' inibizzjoni tas-7 ta' Settembru, 2009, u bl-imgħaxijiet mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra s-socjeta' intimata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------